**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10

**27 ta' Mejju 2020**

**Il-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex iltaqa' online permezz ta' Microsoft Teams, fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Oriana Calleja – Viċi Sindku**
**Ronald Portelli - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Eżekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgħa.**

## 10.1 Qari ta' ittri ta' apoloġiji;

**10.1.1** **Ma kienx hemm.**

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

**10.2.1** **Il-Minuti ġew mressqa mis-Sindku għall-approvazzjoni. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.**

**Il-minuti ġew approvati b'mod unanimu mill-Kunsill.**

## 10.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti;

**10.3.1** **Is-Sindku Max Zammit ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-pagamenti, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara l-Kunsillier Ronald Portelli ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha. Il-Kunsillier Eugenio Muscat issekonda.**

**Il-Kunsill unanimament approva l-pagamenti kollha.**

## 10.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

**10.4.1** **Is-Sindku qal li minħabba li l-Prim Ministru għadu kif ħabbar li l-ħwienet jistgħu jibdew jiftħu imma jridu jħallu d-distanza bejn mejda u oħra, huwa jissuġġerixxi li minn jitlobna biex joħroġ l-imwejjed fuq il-bankina għandna nikkunsidrawha dejjem hekk ikun hemm spazzju biżżejjed li jaddi wheelchair minn fuq il-bankina. Hekk il-permess jinħareġ huwa importanti ħafna li nagħmluha ċara ma min ikun qed jitlobna t-talba li l-permess se jingħata b'mod temporanju.**

**Il-Kunsill qabel.**

**10.4.2** **Is-Sindku Max Zammit qal li peress li wasal sajf hemm l-opprtunita' biex jerġa jsir id-decking fuq il-blat tax-xatt bħal ma kien sar is-sena l-oħra.**

**Il-Kunsill qabel li jsir minħabba li dan jista' jintuża minn kulħadd. Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru xi tabelli biex nuru li dak huwa post pubbliku.**

## 10.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

**10.5.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat saqsa lis-Sindku fuq s-soft area fejn hemm il-bandiera biex forsi jibdew jieħdu ħsiebha tal-gvern peress li qeda fi triq prinċipali. Is-Sindku qal li kien għad ma kellux opportunita' biex jiċċekja fuqha imma se jipprova jitkellem ma xi ħadd il-ġimgħa d-dieħla.**

## 10.6 Yacht Marina Gżira;

**10.6.1 Il-Kunsilliera Louise Cachia Castelletti u Eugenio Muscat jixtiequ joġġezzjonaw fuq il-permess li nħareġ fi Triq ix-Xatt ġewwa il-ġnien li jagħmel mal-Gżira PA/06433/19. Huma qalu li dawn suppost ikkonsultaw magħna minħabba li parti minnha tagħmel man-naħa ta' Ta' Xbiex. Għaldaqstant il-kunsill qabel li rridu naraw x'kienet ir-raġuni li ma nfurmawniex b'dan il-permess u navviċinaw il-Kunsill tal-Gżira biex jarrafna kif se jkun il-proġett ta' fejn hemm il-ġnien.**

## 10.7 Tenders;

**10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li t-tender tal-*istreet sweeping and weed cuttin*g kif ukoll it-tender tal-perit skaduti. Għaldaqstant irridu noħorġu *tenders* għalihom.**

**Il-Kunsill qabel.**

## 10.8 *Irrigation System*;

**10.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li biex issir l-*Irrigation System* hemm bżonn li ssir trinka fil-bankina li hemm Triq Abate Rigord li tmiss eżatt mal-proġett il-ġdid ta' Triq il-Ħalġ. Peress li din il-bankina hija għolja ħafna u ma tinsabx fi stat tajjeb u jridu jħaffru saqsiet hekk jikkunsidrawx li jagħmluha mil-ġdid.**

**Is-Sindku infurmana li l-*Infrastructure Malta* fil-viċin għandu jaqla żewġ toroq, Triq Abate Rigord u Triq ix-Xatt u ovjament se jagħmlu l-bankini ukoll. Huwa talab biex niċċekjaw it-timeframe ta' meta se jibdew Triq Abate Rigord u niddeċiedu minn hemm hekk għandiex issir jew le.**

**10.8.2 Il-Kunsillier Eugenio Muscat qal li importanti li l-*Irrigation System* ma taħdimx kollha f'daqqa iġifieri għandu jkun hemm *stopcock valve ħ*dejn Blk B5**

## 10.9 *Interview* għal vakanza ta' Contract's Manager;

**10.09.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-kunsill li għalqet l-applikazzjoni tal-*Contract's Manager* fuq bażi *part time*. Hija qalet li hemm interessati erba' persuni.**

**Il-Kunsill qabel li fil-board ikunu s-Sindku Max Zammit, il-Viċi Sindku Oriana Calleja u l-Kunsillier Louise Cachia Castelletti. Iżda hekk minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti tkun għada vulnerabli jkun jista jattendi l-Kunsillier Eugenio Muscat.**

**10.09.2 Minħabba l-Covid-19 is-Sindku qal li ma nistgħux niddeċiedu data minn issa. Għaldaqstant għandna nistennew sakemm il-gvern jagħtina direttiva li nistgħu nkunu numru ta' persuni fl-istess kamra u minn hemm niddeċiedu data.**

## 10.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsilli Lokali li jkunu meħtieġa;

**10.10.1 Il-Kunsillier Eugenio Muscat propona li jsir studju fil-*car park* tal-*Yacht Marina* biex nagħmlu ġnien. Is-Sindku spjega li t-teżi tiegħu kien propju fuq hekk imma biex issir ġnien u ma nitilfux parkings għandna bżonn somma kbira ta' flus. Għaldaqstant il-Kunsill iddeċieda li niċċekjaw kemm jidħlu parkings fin-naħa tat-triq *at an angle* hekk triq tiġi one-way.**

## 10.11 Rapporti mil-Kunsilliera;

**Il-Kunsillier Louise Cachia Castelletti qalet li hekk il-hatching tas-*soft areas* fejn hemm il-bandiera jiġi tapered jidher aħjar fl-għajn.**

## 10.12 Il-laqgħa li jmiss ħa ssir l-Erbgħa 8 ta' Lulju 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta' filgħaxija.**

**Konfermati llum l-Erbgħa 8 ta' Lulju,2020.**

| | |
|---|---|
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Eż ekuttiv** |